Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1483/2004

**Aquatess Marketing Limited**

**vs**

**Carmelo Psaila**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Lulju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 2003, kif ukoll bl-imghax legali mit-18 ta' Frar 2003 sad-data tal-pagament effettiv, nkluz Lm10 konsult kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135), bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Frar 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------